MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 210/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Spiteri talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru tas-sena 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Silvana Spiteri u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Patrick Spiteri hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Patrick Spiteri pprezentat fit-12 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza apellata u tilliberah minn kull htija u piena u, okkorrendo l-kaz, subordinatament tirriforma s-sentenza appellata u tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u li l-imputazzjonijiet ma setghu qatt jirrizultaw. Skond l-appellant, l-ammont dovut minnu lill-kwerelanti bejn Jannar u Novembru 2009 jammonta ghas-somma ta’ €11,550, rapprezentanti l-manteniment ta’ €1,050 fix-xahar ghal hdax-il xahar flimkien ma’ somma addizzjonali fl-ammont ta’ €538.25 rapprezentanti arretrati ta’ manteniment u ghalhekk l-ammont komplessiv dovut jammonta ghal €12,088.25. L-appellant jghid illi l-prospett ta’ pagamenti pprezentat quddiem l-ewwel Qorti jaghti stampa cara ta’ x’hallas fix-xhur bejn Jannar u Novembru 2009, u cioe` s-somma ta’ €11,923.49 mqassma hekk: €5,336 f’monogram transfers, €2,008.35 f’cekkijiet u/jew bank drafts, €3,023.51 f’kontanti, €250 rifuzjoni ta’ depozitu li kien sar lil Melita FC, u €1,305.63 spejjez li ghamel ibnu u rifuzi lilu mill-appellant. L-appellant isostni illi s-somma ta’ €3,023.51 thallset f’kontanti bhala rifuzjonijiet lil Gustu Busuttil u Tessie Xuereb ghal spejjez marbuta ma’ xoghol li ghamlu ghall-kwerelanti taht id-direzzjoni u ordnijiet taghha; tali rifuzjonijiet ma jinkludux salarji u lanqas hlasijiet ghal skopijiet specifici b’mod volontarju mill-

appellant. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt illi ma thalliex itella’ lil ibnu minuri biex jikkonferma li s-somma ta’ €1,305.63 tirrapprezenta spejjez li kien ghamel it-tifel u li effettivament gew rifuzi mill-appellant. Fil-fehma ta’ l-appellant ghalhekk il-bilanc minnu dovut hu ta’ €164.76.

Din il-kawza tirrigwarda l-manteniment ghax-xhur ta’ Ottubru u Novembru tas-sena 2009. L-appellant jirreferi ghall-prospett esebit a fol. 23 u jghid illi l-figuri hemm imsemmija huma kollha dokumentati permezz ta’ rcevuti li gew ipprezentati fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Patrick Spiteri** (appell numru 30/2010) deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-25 ta’ Jannar 2010 u li mar dezert fl-appell fil-25 ta’ Marzu 2010. Din il-Qorti ghalhekk ezaminat id-dokumenti li jinsabu esebiti f’dak il-process.

Hija tosserva l-ewwelnett illi l-pagamenti kollha rapprezentati mill-monograms u cekkijiet jantecedu x-xhur ta’ Awissu u Settembru 2009 li dwarhom tirreferi din il-kawza. Difatti l-ahhar pagament jidher li sar fil-5 ta’ Gunju 2009 (ara fol. 28 fl-atti ta’ l-appell imsemmi numru 30/2010), u ma setax ikun hlas in anticipo ghax-xhur in kwistjoni. Kwindi, in kwantu jirrigwarda l-ammonti ta’ €5,336 u €1,968.25, ma ngabet l-ebda prova li dawn jinkludu l-pagamenti ghax-xhur ta’ Ottubru u Novembru 2009; anzi l-provi juru l-kuntrarju.

L-appellant jghid ukoll illi s-somma ta’ €3,023.51 thallset f’kontanti bhala rifuzjonijiet lil Gustu Busuttil u Tessie Xuereb ghal spejjez marbuta ma’ xoghol li ghamlu ghall-kwerelanti taht id-direzzjoni u ordnijiet taghha. Din il-Qorti ezaminat dawn l-ircevuti u jirrizulta li kwazi kollha jirreferu ghal zminijiet li jantecedu x-xhur in kwistjoni. Sahansitra Gustu Busuttil xehed li spicca jahdem ma’ l-appellant fis-16 ta’ Awissu 2009, filwaqt illi Tessie Xuereb xehdet li spiccat tahdem ma’ l-appellant u martu fl-ahhar ta’ Awissu 2009. Fi kwalunkwe kaz, il-maggor parti taghhom huma relatati mal-manteniment ta’ l-annimali peress illi jirrigwardaw xiri ta’ ikel ghall-annimali. Xi rcevuti jirrigwardaw *garden supplies*. Imbaghad hemm xi karti li jirrigwardaw provvista ta’ ilma, prezumibilment permezz

ta' *bowser*, u li din il-Qorti ma tistax tifhem kif jistghu b'xi mod jigu kkunsidrati li jidhlu bhala pagamenti akkont tal-manteniment dovut mill-appellant lil martu u ibnu. Ghalhekk anke fil-kaz ta' dawn id-dokumenti kollha esebiti, il-prova li saret hija wahda kuntrarja ghal dik li ttenta jaghmel l-appellant.

Kwantu ghar-rifuzjoni tas-somma ta' €250 mill-Melita F.C. Youth Nursery, apparti li l-appellant ma gabx prova dwar meta saret tali rifuzjoni, huwa inverosimili li sar fix-xhur li dwarhom tittratta din il-kawza, u dan ghaliex fl-appell citat numru 30/2010 li kien jirrigwarda l-manteniment ghax-xhur ta' Gunju u Lulju 2009, l-appellant kien diga` ssottometta li dik is-somma kellha tigi kkunsidrata bhala pagament akkont ghall-perijodu li kien jinkludi dawk ix-xahrejn. Ma jistax issa jippretendi illi l-istess somma tigi mill-gdid ikkunsidrata  ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2009.

Kwantu ghas-somma ta' €872.73 spejjez li l-appellant jghid li ghamel ibnu u rifuzi lilu mill-appellant, l-appellant ma ta l-ebda indikazzjoni meta saru dawn ir-rifuzjonijiet. Jekk stess irrifondhielu tali ammont, dan ghamlu volontarjament u indipendentement minn dak li kien dovut bhala manteniment.

Dak illi donnu ma jistax jifhem l-appellant hu li ordni tal-Qorti trid tigi segwita skrupolozament. Jekk il-hlas tal-manteniment ghandu jsir lil martu, mela l-hlasijiet iridu jsiru lilha. Jekk jidhirlu illi hemm pagamenti ohra li ghandu jaghmel, bhal fil-kaz ta' rifuzjoni ta' spejjez inkorsi minn ibnu, ghandu kull dritt jaghmel dan izda m'ghandux dritt jippretendi mbaghad li dak li jkun ghadda lil ibnu jitnaqqas mill-manteniment li hu obbligat ihallas lil martu kemm ghaliha kif ukoll ghal ibnu stess. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li**

**jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant fil-mertu huwa michud.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti semghet b'attenzjoni x-xiehda li ta l-appellant fejn, fost ohrajn, irrefera ghal sfortuni fix-xoghol li kien qieghed jaghmel l-Italja, il-pitturi li naqsulu mid-dar u li uhud minnhom inbieghu minn martu, problemi bejn ibnu u martu u l-fatt li ma setax jidhol jikkultiva bicca art kbira li kienet tipproduci l-qamh. Naturalment dawn mhumiex ragunijiet li jxejnu l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment ghax-xhur in kwistjoni izda huma fatturi li jindikaw mod iehor ta' trattament.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu gimgha detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sitt xhur millum, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ghall-htija u inoltre a tenur ta' l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta tordna lill-imsemmi Patrick Spiteri jhallas lil martu Sylvana Spiteri s-somma ta' elfejn u mitt euro (€2,100) sa zmien hmistax-il gurnata millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------